# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Awwissu, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 993/19/1 TA**

**Michael Chetcuti**

**v.**

**Miller Distributions Limited (C344) u Victor Chetcuti**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Michael Chetcuti kontra s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Ottubru, 2021, fejn din laqgħat l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta, ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur u ddikjarat li l-azzjoni odjerna ppreżentata mill-attur hija *res judicata*.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-21 ta' Ottubru, 2019, l-attur fisser illi huwa għamel perjodu ta' żmien impjegat ma' missieru Victor Chetcuti, jiġġestixxi ħanut ġewwa San Pawl il-Baħar, fejn f'isem missieru huwa kien qed jixtri gazzetti u ġurnali mingħand is-soċjetà konvenuta Miller Distributors Limited (C-344). Fis-16 ta' Novembru, 2014, is-soċjetà konvenuta ppreżentat ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** kontra l-attur, fejn talbitu jħallas is-somma ta' dsatax-il elf, erba' mija u ħamsin ewro, u tmien ċenteżimi (€19,450.08).

3. Fid-dawl ta' dan, l-attur fetaħ kawża fejn talab in-nullità tat-titolu eżekuttiv akkwistat mis-soċjetà konvenuta bis-saħħa tal-ittra uffiċjali surriferita, peress li huwa ma ġiex notifikat personalment iżda *tramite* terzi persuni. Madankollu, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Mejju, 2018, fl-ismijiet ***Miller Distributors Limited (C-344) v. Michael Chetcuti***, bin-numru 147/2017 CSH, it-talba tal-attur ġiet miċħuda. L-attur ikompli li l-appell minn din is-sentenza ġie ppreżentat, u jingħad li għadu pendenti.

4. Minħabba f'hekk, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-debitu kif pretiż mis-soċjetà intimata Miller Distributors Limited ma huwiex tiegħu imma tal-intimat l-ieħor*

*Victor Chetcuti.*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentament li l-ittra uffiċjali fis-6 ta' Mejju, 2014 (numru 77/2014) hija irrita u nulla u għalhekk ma jistgħax jkollha effett legali kontra tiegħu."*

5. Is-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors maħluf fit-12 ta' Novembru, 2019, u ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fil-25 ta' Novembru, 2019, fejn ressqu eċċezzjonijiet preliminari u kif ukoll fil-mertu. L-eċċezzjonijiet preliminari huma s-segwenti: (i) l-azzjoni odjerna għaddiet in ġudikat peress li t-titlu tas-soċjetà konvenuta diġa' ġie kkonfermat minn din il-Qorti permezz ta' sentenza tal-5 ta' Novembru, 2018, u (ii) il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju tas-soċjetà konvenuta peress li mhijiex il-leġittimu kontradittur ġaladarba t-titlu tagħha ġie konfermat minn din il-Qorti fis-sentenza tal-5 ta' Novembru, 2018. Fil-mertu, is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi l-allegazzjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Il-konvenut Victor Chetcuti ġie debitament notifikat bir-rikors maħluf fis-7 ta' Novembru, 2019, iżda baqa' ma ppreżentax risposta maħlufa u għalhekk fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2020, ġie ddikjarat li Victor Chetcuti jinsab fi stat ta' kontumaċja.

7. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 2021, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża tal-attur, billi laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta tar-*res judicata*, filwaqt li ċaħdet it-talbet kollha tal-attur. Is-

siltiet l-aktar rilevanti ta' din is-sentenza huma dawn:

*"Punti ta' Liġi*

*6. Fid-dawl taż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, is-soċjeta' konvenuta teċepixxi ir-res judicata. Għalhekk is-suċċess tal-kawża jiddependi fuq il-fondatezza o meno ta' din l-eċċezzjoni. F'każ li tintlaqa', din il-Qorti ma jkollhiex triq oħra ħlief li tillibera lill-istess soċjeta' konvenuta u lill-konvenut l-ieħor mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*7. Dwar kif inhu regolat dan l-istitut, il-Qrati tagħna kellhom opportunita' li jiżviluppaw l-ermenawtika sentenzjali pjuttost folta. Biex tikkonfigura l-eċċezzjoni tar-res judicata huwa neċessarju li jirrikorru t-tlett elementi ta' eadem personæ, eadem causa petendi u aedem re (ara sentenza fl-ismijiet* ***Igino Trapani Galea Feriol et v. James Agius et****, tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Lulju, 1996). Jiġifieri dak li jkun qed jintalab fl-aħħar kawża irid ikun bejn l-istess partijiet, l-istess pendenza u l-istess oġġett. Stabbiliti li hekk, il-Qorti għandha tilqa' din l-eċċezzjoni.*

*8. Il-ħsieb wara dan l-istitut huwa li jissiġilla għal kollox il-litiġju, altrimenti l-istess kwistjoni bejn l-istess partijiet tibqa' tkarkar għall-eternita'. Din ċirkostanza li hija ta' ordni pubbliku u għalhekk l-effetti tas-sentenzi għandhom ikun segwiti ad unguem mhux biss għal dak li jkun ġie dibattut fil-proċeduri iżda anke għal dak li seta' jitqanqal u ma tqanqalx.*

*9. F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Vella v. Emanuel Falzon****, tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Frar, 1997 ġie affermat illi l-exceptio rei judicatæ (u litis pendentia) għandhom bħala fundament il-fatti tal-interess pubbliku u wkoll għax 'interest rei publicæ ut sit finis litium' u dan għaliex il-mertu tal-kawża għalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess ħaġa, u jekk il-punt kontravers huwa l-istess hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat, u dan għaliex is-sentenza fuq domanda tikkontjeni impliċ[it]ament ir-riġettazzjoni tal-eċċezzjonijiet kollha li setgħu jitqajjmu għall-istess domanda (ara XXXVI.I.75).*

*Konsiderazzjonijiet*

*10. Stabbiliti dawn il-prinċipji jmiss li din il-Qorti tikkonsidra l-fatti kif jirrisultaw mill-provi li għandha quddiemha. Jibda biex jingħad li kien hemm żmien ta' dibattitu dwar in-natura tad-digriet li jingħata f'atti ta' ittra uffiċjali ai termini tal-***Artikolu 166A***.*

*11. Kif diġa' aċċennat, l-attur naqas milli jikkontesta l-effetti ta' dik l-ittra fit-termini ta' dak li jipprovdi* ***Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta****. Ċioe' naqas li jikkontesta l-ittra fi żmien 20 jum minn meta kien ġie notifikat bil-mandati fuq imsemmija.*

*12. F'dan ir-rigward l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) per Imħallef Philip Sciberras kellha okkażżjoni tikkunsidra n-natura ta' dan il-provvediment mogħti taħt l-***Artikolu 166A(5)*** fis-sentenza* ***Panta Marketing & Services Ltd v. George Farrugia****, deċiża fit-12 ta' Diċembru, 2002. F'din il-kawża, il-Qorti kienet tat provvediment taħt l-***Artikolu 166A(5)*** u ġie intavolat appell minn dan il-provvediment. L-appellant issolleva preliminarjament il-kwistjoni li l-provvediment mogħti taħt l-***Artikolu 166A*** kien inappellabbli. Il-Qorti tal-Appell ma qablitx ma din is-sottomissjoni u rriteniet hekk:*

> *"Ibda biex, fis-sistema delinejata mill-Kodiċi ritwali tagħna l-opposizzjoni għall-atti eżekuttivi, u in partikolari fejn ikun maħsub li tinkiseb in-nullita' jew rexxissjoni tagħhom trid issir bi proċediment kontenzjuż, u konkluża bi provvediment li jirrappreżenta l-karatteristiċi ta' sentenza emessa wara l-konklużjoni ta' provvediment introdott u żvolt skond il-forma tal-proċess kontenjuż ordinarju. Fit-tieni lok, il-principju mperanti jibqa' dejjem dak illi, salv li l-liġi ma tipprovdix xort' oħra, sentenza ta' qorti jew tribunal inferjuri hi soggetta ghall-appell."*

*13. Fid-dawl ta' dan ir-raġunament hija l-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, it-tweġiba għandha tkun li dan il-provvediment huwa sentenza jew digriet definittiv, għaliex dan il-provvediment jiddetermina b'mod definittiv il-validita' tat-titolu eżekuttiv miksub ai termini tal-***Artikolu 166A(5)****. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ċertament ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur, li wara li Qorti tiddikjara li t-titolu eżekuttiv dik l-istess Qorti, fuq rikors ta' xi waħda mill-partijiet, tirrevedi d-deċiżjoni tagħha, u tiddikjara li t-titolu eżekuttiv huwa wieħed invalidu jew validu, skont il-każ.*

*14. Imma dato ma non concesso li d-digriet inkwistjoni ma jikkwalifikax għall-ġudikat, anke wara li jkun skatta l-perjodu ta' dekadenza f'***Artikolu 116A(5)****, biż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, kemm dik tal-Prim Istanza u l-konferma tagħha mill-Qorti tal-Appell, ma għandu jkun hemm ebda dubbju f'moħħ il-ġudikant, li bis-saħħa ta' dawn is-sentenzi, jekk mhux bl-effetti tal-ittra uffiċjali per se, nibet ġudikat bejn il-partijiet.*

*15. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' res judicata fi proċeduri ulterjuri bejn l-istess partijiet tista' tingħata, salv li jkunu jikkonkorru l-elementi kollha li jwasslu għal dan l-istitut. Għalhekk stabbilit li tassew hemm ġudikat, jmiss li jkun ikkunsidrat jekk dawn il-proċeduri jistgħux ikunu ripellati bl-eċċezzjoni tar-res judicata. Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, l-elementi ta' din l-eċċezzjoni huma tlieta.*

*16. L-ewwel element l-aedem persona. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Innocenza Debattista et v. Giovanni Farrugia****, deċiża fit-13 ta' Frar, 1958 (Vol XLII.iii), il-Qorti qalet li «biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg… li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni…». Illi pero' dan ma jfissirx li «l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl- inseriment ta' persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali» (Ara Ċit*

*Nru 1209/00RCP deċiża fid-9 ta' Jannar, 2002).*

*17. Ma hemm ebda dubbju li l-kwistjoni ta' bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta hija milquta bl-effetti tal-ittra uffiċjali inkwistjoni. L-inseriment ta' missier l-attur bħala konvenut, li baqa' strateġikament kontumaċi, ma tagħmel ebda differenza għall-effetti li llum ormai definittivament konkjużi bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta. Jekk qatt, l-attur, għandu dejjem id-dritt ta' rivalsa kontra l-konvenut Victor Chetcuti.*

*18. It-tieni element aedem causa petendi. Għar-rigward tal-eadem causa petendi, din il-kondizzjoni tirrikjedi li «the cause of the claim» kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Il-Prof. Caruana Galizia f'"Notes on Civil Law" (Pt.IV p.1428) jispjega li l-causa petendi hi «the title on which the demand is based». Illi għalhekk, din hija t-titlu, ċioè, l-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni tal-eadem causa petendi tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuti fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.*

*19. Fil-proċeduri li waslu għas-sentenzi ċitati bejn il-partijiet, għalkemm wieħed prettament proċedurali, jimmira li jġib fix-xejn l-effetti tal-ittri uffiċjali inkwistjoni. Anke f'dawn il-proċeduri, l-attur ukoll jimmira bit-tieni talba li jġib fix-xejn l-effetti ta' dik l-ittra uffiċjali. Di piu', il-fatt li ma ikkontestax l-ittra uffiċjali ma jintitolax lill-attur li jressaq raġunijiet għal fejn ma jridx iħallas meta tali raġunijiet seta' ressaqhom fil-kontestazzjoni għal dik l-ittra uffiċjali li ma kienx għal fatt li ma ressaqx kontestazzjoni fil-ħin.*

*20. Huwa għalhekk li t-tagħlim ta' dawn il-Qrati fost oħrajn fis-sentenza fl-ismijiet* **Joseph Vella v. Emanuel Falzon**, *tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Frar, 1997 (supra) huwa fis-sens li l-eċċezzjoni tar-res judicata hija applikabbli għal dawk il-vertenzi li setgħu jitqanqlu in kontestazzjoni. Dan japplika mhux biss għal meta kawża jew att ikun kontestat, iżda ukoll għal meta il-konvenut jew l-intimat, jibqgħu inattivi billi jaqgħu kontumaċi jew ma jagħmlux dak li titlob minnhom il-liġi, bħal każ odjern.*

*21. Għal dak li jirrigwarda t-tielet element u ċioè l-eadem res, fis-sentenza* **Rabat Construction Ltd v. Cutajar Construction Company Limited,** *ġie kkonfermat li din għandha «tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat.» Illi l-bażi għal dan l-element hija għalhekk ċara. Is-sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza. Għal din il-Qorti huwa ċar, li dak li qed jitlob l-attur f'din il-kawża huwa dak li kien*

*qed jitlob fil-proċeduri l-oħra: li jopponi għal ħlas reklamat mis-soċjeta' attriċi. Għalhekk il-Qorti tħoss li anke dan l-element hu pprovat.*

*22. Fl-aħħar nett il-Qorti tosserva li dak li jrid l-Attur f'dawn il-proċeduri hu li jġib fix-xejn l-effetti tal-**Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta**. Li kieku din il-Qorti taċċetta li din il-proċedura tkun sorpassata permezz ta' proċeduri bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti biex b'hekk l-Istitut krejat bis-saħħa ta' **Artikolu 166A** rigward krediti partikolari jkun perikolat għaliex jiġi reż ineffikaċi. In parole povere, dak li ma jistax jidħol mill-bieb, ma hux sewwa li jitħalla jidħol mit-tieqa."*

8. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq fid-19 ta' Novembru, 2021, fejn ressaq żewġ (2) aggravji, ċjoè: (i) ma saritx distinzjoni ċara bejn titlu eżekuttiv u sentenza ta' Qorti, peress li huwa inqas diffiċli li wieħed jattaka titlu eżekuttiv milli sentenza ta' Qorti, u (ii) it-tliet (3) rekwiżiti tal-istitut tar-*res judicata* ma ġewx sodisfatti fl-intier tagħhom. Għalhekk, l-attur talab sabiex:

*"tħassar u tirrevoka s-sentenza hawn imsemmija deċiża fit-28 ta' Ottubru, 2021, fl-ismijiet **Michael Chetcuti v. Miller Distributors Limited u Victor Chetcuti** (Rik. Nru. 993/2019 TA), billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata soċjeta' appellata Miller Distributors Limited (C-344) u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjeż taz-żewġ istanzi kontra l-imsemmija soċjeta' intimate appellata Miller Distributors Limited (C-344)."*

9. Is-soċjetà konvenuta wieġbet għalih b'risposta datata 27 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan l-appell.

10. Il-konvenut Victor Chetcuti ġie notifikat bir-rikors tal-appell fid-19 ta' Ottubru, 2022, iżda huwa baqa' ma ppreżentax risposta għall-imsemmi appell.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m’hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b’hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-Ewwel Qorti rat illi din hija kawża li titratta ittra uffiċjali ppreżentata mis-soċjetà konvenuta, *qua* appellata, fit-termini tal-**Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** fejn interpellat lill-attur appellant sabiex iħallas is-somma ta’ €19,450.08 f’merkanzija mibjugħa u konsenjata lilu. Din l-ittra uffiċjali saret eżekuttiva għaliex ma saret l-ebda tweġiba għaliha fiż-żmien maħsub fl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 u wara ġiet segwita b’mandat ta’ sekwestru u ieħor ta’ qbid, fejn almenu mill-atti jidher li mandat minnhom ġie notifikat lill-attur appellant fil-11 ta’ April, 2016. Konsegwentament, is-soċjetà appellata ppreżentat rikors għall-bejgħ bl-irkant ta’ immobbli tal-attur sabiex titħallas il-kreditu pretiż. L-attur talab lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tissospendi l-bejgħ bl-irkant u b’digriet tat-18 ta’ Jannar, 2017, din laqgħatlu t-talba għaliex skontha, *a prima facie*, rriżultalha li l-attur ma kienx notifikat bl-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A** kif trid il-liġi. Għalhekk, l-attur appellant ipprosegwa billi ppreżenta kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-termini tal-**Artikolu 166A (5)**, fejn talab li: (i) jiġi dikjarat li ma kienx jaf bl-ittra uffiċjali

li saret fit-termini tal-**Artikolu 166A**, tas-6 ta' Mejju, 2014, u dan peress li ma kienx notifikat biha, (ii) it-titlu eżekuttiv miksub bis-saħħa tal-ittra uffiċjali inkwistjoni jiġi rexxiss u dikjarat null u bla effett, u (iii) l-bejgħ tal-irkant jiġi mwaqqaf. Madankollu permezz ta' sentenza finali mogħtija fil-5 ta' Novembru, 2018, il-Qorti tal-Appell Inferjuri ċaħdet dawn it-talbiet peress li l-attur ma ppreżentax ir-rikors tiegħu biex jegħleb it-titolu fi żmien għoxrin (20) jum minn meta ġie notifikat bil-mandat eżekuttiv skont **Artikolu 166A (5)**. Fil-21 ta' Ottubru, 2019, l-attur ppreżenta l-kawża odjerna kontra s-soċjetà Miller Distributors Limited (C-344) u missieru Victor Chetcuti, fejn talab lill-Ewwel Qorti ssib li l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju, 2014, hija rrita u nulla għax id-debitu kif pretiż mis-soċjetà konvenuta jgħajjat lil missieru. Madankollu, permezz tas-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u ċaħdet it-talbiet tal-attur għax l-azzjoni tal-attur kienet milquta bil-ġudikat maħluq bis-sentenzi li ngħataw qabel fil-15 ta' Mejju, 2018, u l-5 ta' Novembru, 2018.

13. Permezz tal-appell odjern, l-appellant ressaq żewġ (2) aggravji.

14. Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant, fejn dan jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx distinzjoni ċara bejn titlu eżekuttiv u sentenza, fis-sens illi eċċezzjoni ta' *res judicata* tista' tingħata u tapplika biss għal sentenzi u mhux titli eżekuttivi, din il-Qorti tibda billi ttenni illi huwa minnu

li sabiex tingħata l-eċċezzjoni ta' *res judicata* jinħtieġ illi jkun hemm sentenza finali.[1] Però, din il-Qorti ma tarax għaliex l-appellant qiegħed iressaq tali aggravju, bħallikieku fil-każ inkwistjoni għandna sempliċiment titlu eżekuttiv minn ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A** u mhux sentenza li tikkonferma l-validità tat-titlu eżekuttiv miksub bis-saħħa tal-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A**, liema sentenza ġiet mogħtija f'azzjoni msejsa fuq **Artikolu 166A (5)**.

15. Din il-Qorti tfakkar li l-bażi tal-kawża inkwistjoni hija l-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A** u t-titlu eżekuttiv miksub bis-saħħa tagħha, liema titlu ġie kkonfermat permezz ta' sentenza mogħtija wara azzjoni mibdija mill-appellant stess skont **Artikolu 166A (5)**. Kien għalhekk li l-Ewwel Qorti fl-ewwel parti tas-sentenza tagħha (paragrafu numru 6) irrikonoxxiet illi *«fid-dawl taż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, is-soċjeta' konvenuta teċepixxi r-res judicata»*, għaliex kien proprju f'dan ir-rigward biss li s-soċjetà appellata ssollevat tali eċċezzjoni, u mhux fir-rigward tat-titlu eżekuttiv miksub bis-saħħa tal-ittra uffiċjali taħt **Artikolu 166A**.

16. Mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti mbagħad kompliet billi tat spjegazzjoni *«(ta)n-natura tad-digriet li jingħata f'atti ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A»* (paragrafu numru 11), ċjoè digriet mogħti

---

[1] ***Mario Tonna v. Edwin Camilleri noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), is-27 ta' Jannar, 2016.

f'azzjoni fit-termini tal-**Artikolu 166A (5)**, b'dana illi ssostanzjat l-argument tagħha bis-sentenza fl-ismijiet ***Panta Marketing & Services Limited v. George Farrugia***[2] (fejn il-mertu tal-appell kien proprju il-provvediment mogħti taħt **Artikolu 166A (5)**), bl-iskop aħħari li tispjega b'mod ċar illi provvediment ta' din in-natura għandu jitqies ekwivalenti għal sentenza jew digriet definittiv li jiddetermina l-validità tat-titlu eżekuttiv.

17. Din il-Qorti tqis illi tali spjegazzjoni kienet neċessarja u tabilħaqq korretta, għaliex huwa minnu li l-proċedura kontemplata **f'Artikolu 166A (5)** hija min-natura tagħha kontenzjuża, bil-konsegwenza illi fi proċedimenti bħal dawn, il-Qorti permezz ta' deċiżjoni tagħha (li tista' tkun sentenza jew digriet definittiv) tgħaddi sabiex tiddetermina l-kwistjoni b'mod definittiv dwar il-validità tat-titlu eżekuttiv miksub, biex b'hekk il-kwistjoni tkun ingħalqet u l-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti ntemmet, salv illi tali deċiżjoni tkun soġġetta għad-dritt ta' appell[3]. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tippreċiża ukoll illi huwa intrinsikament importanti illi meta jingħata provvediment f'azzjoni msejsa fuq **Artikolu 166A (5)**, dan il-provvediment għandu jkollu l-karatteristiċi kollha ta' sentenza vera u proprja skont **Artikolu 23 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** li jgħid:

> *"Is-sentenzi fil-każijiet kollha għandhom jingħataw fil-pubbliku. Il-qorti li tkun qiegħda tagħti sentenza għandha taqra l-parti operattiva, li tkun inkluża fil-parti konklużiva tas-sentenza. Il-parti operattiva tas-*

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-12 ta' Diċembru, 2007.
[3] ***Mario Tonna v. Edwin Camilleri noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), is-27 ta' Jannar, 2016.

*sentenza għandha tinkludi talbiet jew l-eċċezzjonijiet li jkunu ġew deċiżi u kull dikjarazzjoni maħsuba li tkun konklusiva jew vinkolanti. Minnufih malli tingħata s-sentenza, l-imħallef jew il-maġistrat għandu jdaħħal traskrizzjoni ffirmata tas-sentenza fil-proċess tal-kawża.”*

18. Għalhekk, din il-Qorti ttenni illi meta jingħata provvediment f’azzjoni fit-termini tal-**Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12,** u jkollu l-karatteristiċi kollha ta’ sentenza, dan il-provvediment ikun ekwivalenti għal sentenza, bil-konsegwenza li jkun jista’ jiġi appellat u, fiċ-ċirkostanzi xierqa, dwar provvediment bħal dak tista’ titqajjem l-eċċezzjoni ta’ *res judicata*.

19. Stabbilit il-premess u b’applikazzjoni tal-istess għal każ in eżami, jirriżulta illi l-provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta’ Mejju, 2018, għandu l-karatteristiċi kollha ta’ sentenza, tant li ġie konsegwentament appellat quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). B’hekk u ġaladarba t-titlu eżekuttiv tas-soċjetà appellata ġie kkonfermat permezz ta’ sentenza, ma kien hemm l-ebda xkiel għas-soċjetà appellata illi tqajjem l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fir-risposta maħlufa tagħha għar-rikors promotur tal-attur. Għalhekk, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi ma hemm l-ebda dubju li bejn il-partijiet nibet ġudikat bis-saħħa taż-żewġ sentenzi.

20. Din il-Qorti tara ukoll li fi kwalunkwe każ ma hemm l-ebda dubju li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* mqajma mis-soċjetà appellata fir-risposta maħlufa tagħha tal-25 ta’ Novembru, 2019, saret fil-konfront tal-

provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju, 2018, li ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Novembru, 2018, u dan fid-dawl tad-diċitura tal-eċċezzjoni nnifisha hekk kif intqal illi *«(i)t-titlu tas-soċjetà konvenuta Miller Distributors Limited diġa' ġie' kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza tal-5 ta' Novembru, tal-2018 u għalhekk illum huwa res judicata»*.

21. Għalhekk u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara li l-aggravju tal-appellant ma jreġix anzi ġie mressaq inutilment.

22. Fir-rigward tat-tieni aggravju, fejn l-appellant jilmenta li fil-każ odjern, it-tliet (3) elementi essenzjali tar-*res judicata* ma ġewx sodisfatti, jingħad illi l-kwistjoni tar-*res judicata* ġiet imfissra hekk fis-sentenza fl-ismijiet ***Dr Jose Herrera noe v. Anthony Cassar et noe***[4], ċjoè:

> *"Sentenza li għaddiet 'in giudicato' jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq - res judicata pro veritate habetur … minn naħa l-oħra fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi ikkonfermata, jew jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fi żmien li trid il-liġi ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka ssentenza".*

23. Jiġi mtenni illi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-*res judicata*, jeħtieġ li jkun hemm il-konkorrenza tat-tliet (3) elementi u ċjoè, *eadem personae* (il-ġudizzju ikun bejn l-istess partijiet), *eadem res* (l-istess oġġett tal-ġudizzju), u *eadem causa petendi* (l-istess fatt ġuridiku li minnu jitwieled

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali, fil-5 ta' Ottubru, 1992.

id-dritt reklamat), fis-sens illi s-sentenza ta' qabel ġiet deċiża f'kawża bejn l-istess persuni, fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali[5]. Madankollu, għandu jiġi osservat illi dawn il-prinċipji legali jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrana, iżda fuq kollox unikament mal-fatti partikolari tal-każ in kwistjoni, u kif ukoll tal-portata tas-sentenza preċedenti[6].

24. Din il-Qorti tara illi in kwantu għar-rekwiżit tal-*eadem personae*, l-attur fetaħ din il-kawża mill-ġdid kontra s-soċjetà konvenuta, filwaqt li żied lil missieru Victor Chetcuti bħala konvenut. Fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, din ma hemm l-ebda dubju li tali element ġie sodisfatt, madankollu, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti hija ukoll tal-fehma li ż-żieda ta' missier l-attur f'dawn il-proċeduri kienet mossa inutli li essenzjalment ma tagħmel l-ebda differenza, għaliex dan ma jbiddel xejn dak li ġie definittivament konkluż bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta.

25. In kwantu għar-rekwiżit tal-*eadem res* dan ukoll ġie sodisfatt peress li in sinteżi fiż-żewġ kawżi ntalab b'mod dirett illi l-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A** tiġi dikjarata nulla u bla effett biex b'hekk ma jkollha l-ebda effett legali kontra l-attur, b'dana illi t-titlu eżekuttiv ma jibqax jgħodd. Magħdud ma' dan, jidher ukoll illi bil-kontra ta' dak mitlub fil-

[5] ***Innocenza Debattista et v. Giovanni Farrugia***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' Frar, 1958.
[6] ***Angelo Bartolo v. Concetta Lautier***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fid-29 ta'April, 1966.

kawża in eżami, fil-kawża bin-numru 147/2017 CSH, l-attur ma ressaqx b'mod dirett talba biex id-debitu ma jibqax jgħajjat lilu. Minkejja dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oġġett tal-kawża jibqa' dejjem ugwali u ċjoè l-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A**. Għalhekk, it-talba addizzjonali mniżżla bħala l-ewwel talba fil-kawża odjerna kienet sempliċiment waħda sabiex tiżgwida lill-Qorti fil-ġudizzju tagħha.

26. Fir-rigward tar-rekwiżit tal-*eadem causa petendi*, dan l-element ukoll ġie sodisfatt għaliex ir-raġuni fil-kawża 147/2017 CSH kien illi jiġi ddikjarat illi l-attur qatt ma ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tal-**Artikolu 166A** skont kif trid il-liġi u għalhekk it-titlu eżekuttiv miksub bis-saħħa tal-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A** jiġi dikjarat null u bla effett, u r-raġuni fil-kawża odjerna kienet illi li l-attur ried illi l-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A** tiġi dikjarata nulla, u li d-debitu pretiż jiġi dikjarat li ma huwiex tiegħu. Għalhekk id-differenza fil-kawżali hija waħda superfiċjali, għaliex il-fatt ġuridiku hu l-istess, ċjoè li l-attur qiegħed jattakka l-ittra uffiċjali fit-termini tal-**Artikolu 166A** u t-titlu eżekuttiv miksub bis-saħħa tagħha mis-soċjetà konvenuta.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemm l-ebda dubju illi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* kellha tintlaqa' mill-Ewwel Qorti. Is-sitwazzjoni bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta hija definittivament regolata u magħluqa, u permezz ta' din il-kawża odjerna l-intenzjoni tal-attur kienet li jittenta jakkwista eżitu

favorevoli billi pprova jikkonvinċi lill-Qorti illi din l-azzjoni kienet differenti mill-oħra.

28. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti issib l-aggravji mhux ġustifikati u għalhekk sejra tiċħadhom.

**Deċide**

29. Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell imressaq minn Michael Chetcuti, u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha ta' dan l-appell kontra tiegħu. Billi l-Qorti jidhrilha li dan l-appell hu wieħed fieragħ u vessatorju, l-appellant qiegħed jiġi kkundannt iħallas €800 lir-Reġistratur tal-Qorti skont paragrafu 10 ta' Tariffa A mehmuza ma' Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da